# Mattew Callus - L-1 Silta (p. 28 -29)



**Silta mir-Rumanz Storiku Mattew Callus, ta' Ġużè Muscat Azzopardi, b'addattament ta' Charles Casha, Klabb Kotba Maltin.**

Xħin wasal fil-misraħ, Dallas refa' wiċċu, lemaħ purtiera ħadra mdendla f'tieqa magħluqa għalkollox, resaq fejn il-bieb ta' taħtha u ħabbat tliet darbiet wara xulxin. Minnufih staqsewh minn ġewwa:

"Xi trid?"

"Is-sewwa!" wieġeb Dallas minnufih.

"Min int?"

"Utiek!"

"Għaddi."

Il-bieb infetaħ u Dallas baqa' dieħel fid-dlam, immexxi minn idu ma' dak li fetaħlu, Malli waslu f'nofs it-taraġ, id oħra donnha ta' ġgant qabditu minn driegħu u leħen ieħor staqsieh:

"Fejn sejjer?"

"Għand il-ħbieb!" wieġeb Dallas.

"X'lewn tħobb?"

"L-aħmar u l-abjad!"

Kif intqalu dawn il-kelmiet, infetaħ bieb ieħor u dehru madwar erbgħin raġel f'kamra kbira taħt l-art, imdawrin ma' mejda kbira b'xemgħa mixgħula fuqha. Qamu kollha xħin raw lil Dallas u daru ma' wieħed li donnu kien il-kap tagħhom.

"Tibżgħu xejn, l-aħwa," qalilhom Mattew Callus, "tibżgħu xejn. Dan ħabib tagħna, ħabib tal-Maltin u jixtiqilkom kull ġid."

"Dan għadu tagħna!" wieġeb Inguterra Ciantar. "Mibjugħ mas-Sultan u mal-Kavallieri! Ġie jitkixxef għemilna, biex imbagħad jilgħabna."

"Neħħi dan minn rasek," qallu Callus. "Dallas ħabib tagħna. Nagħmel tajjeb għalih jien. Ersaq hawn Dallas. Jiena naf x'int u nafdak."

Dawk l-irġiel qagħdu għall-kliem ta' Callus u marru kollha f'posthom. Inguterra għaddas rasu u ma tkellimx iżjed. Gaspru Dallas resaq 'il ġewwa u qal:

"Ħbieb tiegħi, jiena nħobbkom u nixtiqilkom il-ġid. Jekk tarawni nagħmilha ma' xi Kavallieri, xejn taħsbu ħażin fija. Dan qiegħed nagħmlu biex nitkixxef il-fehmiet tas-Sultan u nkun naf ngħidilkom xi triq għandna naqbdu. Jiena nħobbkom b'qalbi kollha, inħobb lill-Maltin daqskemm inħobb lili nnifsi."

**Kisbiet** - **Q2:** Nagħraf li ġeneri differenti ta' kitba għandhom funzjonijiet differenti u jinqdew b'reġistri differenti.
**T6:** Nitkellem fuq test letterarju billi niddiskuti t-ton/i użati mill-kittieb, il-lessiku u l-idjoma użati, u nispekula r-raġunijiet għalfejn naħseb li dawn intużaw u nagħti fehmti jekk l-effetti mixtieqa ntlaħqux jew le.

**Mistoqsijiet.**

1. Taħt il-ħakma ta' min kienet Malta fiż-żmien li fih isseħħ din il-ġrajja?

___

2. Minn din is-silta semmi **żewġ modi** kif l-awtur qed jipprova jqarreb il-Malti użat fil-kitba ta' dan ir-rumanz mal-lingwa użata fiż-żmien li fih sseħħ l-istorja. Saħħaħ ir-risposta tiegħek b'referenza għas-silta.

   i)

   ___

   ___

   ii)

   ___

   ___

3. Xi jrid ifisser Inguterra meta lil Dallas akkużah li kien "Mibjugħ mas-Sultan u mal-Kavallieri!"?

___

___

4. Minn din is-silta, x'tista' tikkonkludi li kienet ir-relazzjoni tal-Maltin mal-Kavallieri ta' San Ġwann?

___

___

5. Għalfejn taħseb li wħud mill-Maltin miġbura għal dik il-laqgħa kienu qed jissuspettaw ħażin f'Gaspru Dallas?

___

___

6. X'espressjoni (verb) tintuża minn Inguterra biex ifisser li Gaspru Dallas kellu l-intenzjoni jittradihom u jikxifhom mal-Kavallieri?

______________________________________________

______________________________________________

7. X'juri li din il-klikka ta' Maltin kienet qed tiltaqa' b'mod sigriet u li kien hemm il-biża' li jinqabdu?

______________________________________________

______________________________________________

8. Minn din is-silta, min kien il-mexxej tal-klikka Maltin? X'jagħmel dan il-karattru biex juri li għandu kwalitajiet ta' mexxej?

______________________________________________

______________________________________________

9. Għalfejn taħseb li l-awtur żewweġ l-istorja fittizja ta' Mattew Callus u sħabu f'kuntest storiku reali tal-ħakma tal-Kavallieri?

______________________________________________

______________________________________________

10. Kif taħseb li tkompli din il-ġrajja? Taħseb li tassew Dallas għen lill-Maltin jew kien spjun tal-Kavallieri u ttradixxa l-fiduċja li kellu fih Mattew Callus?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________